SANTA LUĊIJA
MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 07-19**

**18 ta' Diċembru 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Kylie D'Amato

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**7.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat *e-mail* tal-Kunsilliera Kylie D'Amato li nfurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għall-laqgħa.

**7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 06-19**

**7.2.1 *Lista ta' siġar li għandhom bżonn li jinżabru***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 6.2.1 u staqsa dwar ix-xogħol fuq iż-żbir ta' siġar. Huwa ġie nfurmat li l-lista ġiet riveduta' u mibgħuta lill-ELC Ltd.

**7.2.2 *Basketball Pitch fil-Playing Field***

Il-Kunsillier Terrence Ellul irrefera għall-minuta 6.3.4 u staqsa dwar il-proġett tal-Basketball Pitch. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur li ġie approvat mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, kien irrakomanda li jingħata wiċċ tal-konkrit biex ix-xogħol jiġi aħjar. Is-Sindku qalet li dan ix-xogħol ser isir biex wara jkun jista jsir il-wiċċ tal-*polypropylene* u jinxtara l-*basket ball post*.

**7.2.3 *Kunċert tal-Korijiet taħt il-Patruċinju tal-E.T. Dr George Vella President ta' Malta***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 6.2.3 u qal li xtaq jgħid proset lill-Kunsill ta' din l-inizjattiva u għas-somma miġbura li kienet tammonta għal €1098.00.

***7.2.4 Triq Znuber***

Il-Kunsillier Terrence Ellul staqsa dwar ix-xogħol ta' kisi ta' toroq li ser isir fi Triq Żnuber. Is-Sindku spjegat li għalissa qed isiru *minor works* u x-xogħol ikompli f'Jannar 2020.

**7.2.5 *Rampa fi Triq Gardenja***

Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 6.5.10 u staqsa fir-rigward ta' din ir-rampa. Is-Sindku qalet li propjament hemmhekk jagħmel ma' Vjal Oleandri u peress lir-rampa hija waħda interna, dak jaqa' taħt xogħol privat.

**7.2.6 *Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 06-19 ġew approvati mill-Kunsill.

## 7.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

### 7.3.1 *Approvazzjoni ta' Xiri u Kwotazzjonijiet*

#### 7.3.1.1 *Kwotazzjonijiet fuq xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' passaġġi u bankini*

Is-Sindku ppreżentat dawn il-kwotazzjonijiet għal xogħolijiet ta' manutenzjoni:

- Xogħol fuq passaġġ f'Dawret it-Torri bi spiża ta' €6115.00
- Kostruzzjoni ta' passaġġ ġdid bi spiża ta' €3495.16
- Xogħolijiet fi Triq Stella Maris bejn Triq il-Ġjaċinti u Triq iż-Żinja bi spiża ta' €1239.59.
- Manutenzjoni tal-wiċċ tat-triq fi Triq l-Istella Maris bejn Triq il-Vjoli u Triq Ġjaċinti bi spiża ta' €3776.24.

Il-Kunsill iddiskuta dawn ix-xogħolijiet kif ukoll l-ispiża nvoluta u qabel mal-proposta tas-Sindku biex l-ewwel tara jekk dawn ix-xogħolijiet jistgħux isiru minn Infrastructure Malta.

#### 7.3.1.2 *Approvazzjoni tal-ħlas għall-Performance Bonus tal-ħaddiema tal-Community Work Scheme assenjati mal-Kunsill:*

Il-Kunsill approva *invoice* li tammonta għas-somma ta' €2082.70 biex jitħallas il-*performance bonus* tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema ta' ħaddiema tal-komunita'.

#### 7.3.1.3 *Kiri ta' servizz ta' photocopier*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal-kiri ta' servizz ta' *photocopier* bi ħlas ta' €45.00 +Vat fix-xahar għal ħames snin.

#### 7.3.1.4 *Approvazzjoni għal ħlas ta' xogħol li sar fuq gutters fi Triq Prinjoli*

Il-Kunsill approva *invoice* mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali li tammonta għas-somma ta' €1631.80 għal xogħol estensiv fuq il-manutenzjoni ta' *gutters* fi Triq Prinjoli. Ġie nutat li l-Kunsill ser jiġi rimborżat minn Infrastrucure Malta tal-ispiża nvoluta.

#### 7.3.1.5 *Approvazzjoni tal-ħlas ta performance bonus tal-iskrivan part-time*

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-iskrivana *part-time* li ħadmet sax-xahar ta' Settembru 2019. Il-Kunsill approva *bonus* ta' 6% li ser jinħadem pro-rata skond is-siegħat maħduma. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-approvazzjoni tal-*performance bonus* tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill ser jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa ta' Jannar 2020.

**7.3.1.6** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM07-19 għall-perjodu bejn is-7 ta' Novembru 2019 sas-17 ta' Diċembru 2019 u minn *cheque* numru BOV 7855 sa *cheque* numru BOV 7873

**7.4 Estimi Finanzjarji Għas-Sena 2020**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-estimi finanzjarji għas-sena 2020.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn l-estimi jistgħa jkollhom bżonn jiġu riveduti peress li l-Kunsill għadu ma jafx kemm ser tkun l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2020 u kif ser tkun imqassma.

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-estimi kif imressqa u approvahom.

**7.5 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**7.5.1** ***Evalwazzjoni tal-Kuntratt għal servizz ta' Contract Manager***

Is-Sindku bħala ċ-Chairperson fuq il-Kumitat ta' Evalwazzjon tal-Kuntratt għas-servizz ta' Contract Manager, qalet li issa li għalqet is-sejħa għall-offerti, hemm bżonn li ssir data biex jiltaqa' l-Kumitat tal-Evalwazzjoni fuq din is-sejħa. Ġie deċiż li l-kumitat jiltaqa' wara l-15 ta' Jannar 2020.

**7.5.2** ***Stickers tal-Letterboxes***

Is-Sindku tkellmet dwar proposta biex il-Kunsill jordna *stickers* bil-logo tal-Kunsill bil-kliem *no junk mail*. Il-Kunsillier Liam Sciberras li ħareġ b'din il-proposta qal li b'din l-inizjattiva l-Kunsill ikun qed jeduka għal aktar indafa Il-Viċi Sindku qal li ma jaqbilx li dawn l-i*stickers* ikunu bil-*logo* tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li din id-diskussjoni għandha titkompla fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**7.5.3** ***Life Long Learning***

Is-Sindku rreferit għall-inizjattiva Lifelong Learning u talbet lill-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni biex jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

**7.5.4** ***ERA – Siġra taċ-Ċipress fi Triq Znuber***

Is-Sindku nfurmat il-Kunsill li l-ERA kienet irrifjutat applikazzjoni tal-Kunsill biex tinqala' siġra taċ-Ċipress minn Triq Żnuber.

**7.5.5** ***Talba għal reserved parking fi Triq Inez Soler***

Is-Sindku irreferiet għal talba tal-Kunsill biex jiżdied *Communal Reserved Parking* għall-*blue sticker holders* fi Triq Inez Soler wara l-knisja. Hija qalet li Traffic Management u Road Safety irrifjutat din it-talba.

**7.5.6** ***Xogħol ta' Kisi ta' Toroq fi Triq Znuber***

Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta qed jistaqsu jekk il-passaġġ li hemm fil-bidu tat-triq jitħallix kif inhu jew isirx bil-*brushed concrete*. Il-Kunsill qabel li jibqa kif inhu għax għadu tajjeb u jikkumplimenta l-pjazza. Is-Sindku qalet ukoll li Infrastructure Malta qed jistaqsu dwar il-*humps* eżistenti li hemm fit-triq. Il-Kunsill qabel li dawn iridu jiġu *reinstated* u jsiru tat-tarmak u ftit aktar baxxi.

**7.5.7** ***Direttiva Numru 7/2019 – Risk Assesment tal-Playing Fields***

Is-Sindku ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill id-Direttiva hawn fuq imsemmija. Hija qalet li ser ikun qed isir *risk assessment* tal-Playing Field hekk kif jitlesta s-*safety flooring* u l-*basketball pitch*.

**7.5.8** ***Ilmenti u suġġerimenti:***

**7.5.8.1** ***Suġġerimenti numru: 11/2019 Bin għall-iskart domestiku f'Tal-Lampat***

Il-Kunsill iddiskuta talba minn resident li għalkemm ir-residenza tiegħu tinsab fil-konfini ta' Santa Lucija, ma jinġabarlux l-iskart peress li dan joqgħod fil-Wied. Is-Sindku qalet li ser tkellem lill-kuntrattur li jiġbor l-iskart biex tara x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

**7.5.8.2** ***Suġġeriment numru: 12/2019 Marki tat-traffiku fi Triq Katerina Vitale***

Il-Kunsill iddiskuta suġġeriment biex isiru *hash lines* fi Triq Katerina Vitale kantuniera ma' Triq Fortizza biex il-karrozzi li jridu jinżlu lejn Triq Prinjoli, ikunu jistgħu joħorġu minn Triq Fortizza u jduru l-isfel. Ġie innutat li bħalissa is-sitwazzjoni tat-traffiku hija diffiċli f'Santa Luċija kollha u dan sakemm titlessta t-triq tal-Barrani. Il-Kunsill ma qabilx li jsiru *hash lines* għax dawn ikollhom isiru f'diversi toroq oħra fejn hemm l-istess sitwazzjoni.

**7.5.8.3** ***Ilment numru 112/2019***

Il-Kunsill iddiskuta talba biex issir *zebra crossing* f'Dawret it-Torri biex in-nies ikunu jistgħu jaqsmu għall-*bus stop*. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha ssir lill-Infrastructure Malta.

**7.6** ***Mistoqsijiet lill-Kunsilliera***

Ma kien hemm ebda mistoqsija tal-Kunsilliera

**7.7** **Awguri tal-Milied**

Is-Sindku stiednet lil membri tal-Kunsill preżenti biex jagħtu messaġġ ta' awguri. Saru messaġġi ta' awġuri fejn spikka l-bżonn ta' għaqda f'dan iż-

żmien diffiċli, saret referenza lejn l-anzjani u l-morda u t-tfal. Saru wkoll ringrazzjamenti lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha.

**7.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Jannar 2020 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |